# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Novembru, 2001 .

### Citazzjoni numru : 237/95G1(PC)

**George Xuereb .**

**vs**

**Frances Xuereb .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li premetta :**

**Illi l-kontendenti zzewgu lil xulxin fil-hmistax (15) ta' Jannar 1983 (Dokument "A") u miz-zwieg taghhom ma' xulxin, huma kellhom tlett itfal bl-isem Joseph, Miriam u Christopher ukoll minuri ;**

**Illi minkejja diversi tentattivi, il-hajja konjugali ta' bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli partikolarment billi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja fil-konfront ta' l-attur ta' servizzi, mohqrija, ingurji, theddid u glied ;**

**Illi wkoll il-hajja matrimonjali m'ghandhiex aktar possibbli ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabilment ;**

**Illi bid-degriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Volontarja tal-14 ta' Dicembru 1995, l-attur gie awtorizzat sabiex jipprocedi b'din il-kawza .**

**Talab lill-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

**(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija u ghar-ragunijiet l-ohra kollha li ser jirrizultaw fil-kors tal-kawza ;**

**(2) Konsegwentement tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet mid-drittijiet taghha kif kontemplati fl-artikolu tmienja u erbghin sa**

**wiehed u hamsin tal-Kodici Civili (Kap sittax tal-Ligijiet ta' Malta) ;**

**(3) Tordna li l-kustodja ta' uliedhom fuq imsemmija tigi fdata lill-attur ;**

**(4) Tiffissa u tistabilixxi l-assi kollha li l-partijiet jippossjedu in komun bejniethom u dana wara li tigi dikjarata xolta u tigi likwidata l-kommunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejniethom ;**

**(5) Tordna d-divizjoni tal-istess kommunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali li jridu jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta ;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Volontarja u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrka .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu mahlufa .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet :**

1. **Illi l-konvenuta b'ebda mod ma kienet responsabbli ghat-tkissir tal-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti .**

2. **Illi ghal kuntrarju l-hajja konjugali ma ghadhiex iktar possibbli proprju minhabba servizzi, mohqrija glied u mgieba hazina da parti tal-attur fil-konfront tal-konvenuta u ta' wliedhom kif jigi dettaljatament ipprovat fil-kors tal-kawza .**

3. **Illi ghalhekk, ghalkemm hemm lok ghall-pronunzjament ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, din ghandha tigi imputata interament ghall-imgieba abbuziva u rresponsabbli da parti tal-attur .**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat il-kontro-talba tal-konvenuta fejn, wara li ppremettiet :**

**Illi kif spjegat fic-citazzjoni l-kontendenti zzewgu fil-hmistax (15) ta' Jannar tal-elf disa' u tlieta u tmenin (1983) u miz-zwieg taghhom kellhom tlett ulied Joseph, Miriam u Christopher ilkoll minuri .**

**Illi l-hajja matrimonjali ta' bejniethom ma ghadhiex aktar possibbli u dan minhabba imgieba rresponsabbli fil-konfront tal-ulied, ingurji gravi, sevizzi, swat, u mohqrija pperpetrati da parti tal-attur fil-konfront sew tal-attrici u kif ukoll ta' wliedhom .**

**Illi proprju minhabba dan l-agir il-konvenuta kienet kostretta tabbanduna d-dar matrimonjali u tmur tghix flimkien ma' uliedha fid-dar tal-genituri taghha .**

**Illi permezz ta' digriet maghti minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja l-konvenuta giet awtorizzata tipprocedi b'din il-kawza .**

**Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghar-ragunijiet l-ohra li jirrizultaw fil-kors tal-kawza .**

2. **Konsegwentement tiddikjara li l-attur iddekada mid-drittijiet tieghu kif kontemplati fl-artikoli tmienja u erbghin (48) sa wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili, Kap sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta .**

3. **Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti gia' ezistenti bejn il-kontendenti .**

4. **Tillikwida l-istess komunjoni u tiddividiha skond il-Ligi, dejjem salv dak intalab fuq bil-komminazzjonijiet applikabbli fil-konfront tal-attur skond il-Ligi .**

5. **Tordna li l-kustodja tal-ulied fuq imsemmija tigi fdata lill-konvenuta .**

6. **Tiffissa dik ir-retta alimentari pagabbli mill-attur lill-konvenuta u lil uliedha u tikkundannah sabiex ihallas l-istess .**

7. **Tawtorizza lill-konvenuta sabiex flimkien ma' wliedha tibqa' tghix fid-dar matrimonjali bl-isem "Sugar Range" fl-inhawi maghrufa bhala "Ta' Xordin" fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem il-Qorti fil-kompetenza taghha bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja .**

**L-attur imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab ingunt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta minnha mahlufa .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghal din il-kontro-talba fejn eccepixxa :**

1. **Illi naturalment l-eccipjent jaqbel li ghandha tigi pronunzjata separazzjoni personali pero' din ghandha tigi prounzjata minhabba ragunijiet imputabbli l-konvenuta fic-citazzjoni .**

**2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur dwar din il-kontro-talba .**

**Rat id-digiret taghha ta' l-20 ta' Jannar 1998 fejn innominat lill-avukat Dottor Joseph Ellis bhala perit legali .**

**Rat id-digriet taghha ta' l-4 ta' Frar 1999 fejn innominat lill-A.I.C. Edward Scerri bhala perit tekniku biex jassisti lill-perit legali f'din il-kawza .**

**Rat ir-rapport ta' l-istess perit tekniku debitament guramentat fil-21 ta' Novembru, 2001 .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi permezz ta' din il-kawza l-kontendenti qeghdin ifittxu s-separazzjoni personali minn xulxin . Fil-fatt huma t-tnejn ghamlu l-istess talba principali sew fic-citazzjoni kif ukoll fil-kontro-talba . Madankollu jimputaw lil xulxin il-htija ghall-firda u infatti jitolbu l-konsegwenzi kontemplati fl-artikoli 48 –51 tal-Kap. 16 fuq il-konjugi l-iehor .**

**Illi l-unici provi li tressqu ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti huma l-affidavit ta' l-attur stess u dawk ta' tnejn minn hutu . Il-Qorti pero' setghet tapprezza l-animosita' bejn il-kontendenti mid-diversi rikorsi li gew pprezentati minn naha jew ohra matul il-kors tal-kawza . M'hemmx l-ebda dubbju illi dan iz-zwieg tkisser irremedjabilment u jidher illi ilu hekk ghal zmien sew qabel ma giet attwalment istitwita din il-kawza . L-ewwel talba sew ta' l-attur, kif ukoll ta' l-attrici ghandhom ghalhekk jigu milqugha .**

**Fit-tieni talba rispettiva taghhom, il-kontendenti jitolbu d-dekadenza mid-drittijiet imsemmija fl-artikolu 48 tal-Kap. 16, minhabba li kull wiehed/wahda minnhom iwahhal fil-konjugi ghall-firda li sehhet bejniethom . Il-Qorti pero' thoss illi ma tressqux provi bizzejjed sabiex tkun tista' titfa' htija partikolari fuq naha u ohra ghal din il-firda, apparti l-fatt illi lanqas ma tressqu ebda provi li saru xi donazzjonijiet bejn il-partijiet jew li kien hemm benefikati li saru aktar bil-hidma ta' xi parti jew ohra . Ghalhekk din it-talba ma tistghax tigi milqugha .**

**Il-kustodja tat-tliet itfal minuri kienet sew b'diversi digrieti ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni Volontarja taghha, kif ukoll ta' din l-istess Qorti 'pendente lite', dejjem giet fdata f'idejn l-omm b'access limitat ghall-missier . Il-Qorti thoss illi ghar-raginijiet indikati fid-diversi rikors li gew ipprezentati f'dawn l-atti, u peress illi l-attur ma gab**

**ebda provi konvincenti ghaliex id-digrieti precedenti ta' din il-Qorti f'dan ir-rigward ghandhom b'xi mod jigu varjati b'mod aktar favorevoli ghalieh, ghandhom jibqghu japplikaw il-modaltajiet dwar l-access tal-missier ghal uliedu minuri kif stabiliti bl-ahhar digriet taghha moghti dwar din il-kwistjoni, u cioe' dak tat-30 ta' Awissu 1996 . Permezz ta' dan id-digriet il-Qorti kienet akkordat access lill-attur ghal uliedu minuri kull nhar ta' Sibt filghodu bejn l-ghaxra (10.00 a.m.) u l-hdax (11.00 a.m.) fl-Ghassa tal-Pulizija, r-Rabat, Ghawdex, u dana fil-prezenza ta' kuntistabbli tal-Pulizija, b'dana illi l-omm ghandha tistenna barra mill-edificcju ta' l-Ghassa matul dan l-access .**

**Rigward il-beni pposseduti in komun bejn il-kontendenti, irrizulta illi l-unika assi li ghandhom hija d-dar matrimonjali ndikata bl-indirizz "SugarRange", Triq ta' Xordin, in-Nadur, Ghawdex . Mir-relazzjoni peritali ta' l-A.I.C. Edward Scerri, rrizulta li din id-dar giet stmata tal-valur ta' seba' u sittin elf lira maltija (LM67,000) . Minhabba pero' l-mod kif inhi mqassma strutturalment, din mhix komodament divizibbli bejn il-kontendenti . Ghalhekk l-unika mod kif dawn jistghu jiehdu sehemhom minn din id-dar, huwa billi tinbiegh f'subbasta u r-rikavat imbaghad jinqasam bejniethom .**

**Ghal dawn il-motivi, tiddecidi, sew dwar ic-citazzjoni kif ukoll dwar il-kontro-talba, bil-mod segwenti :**

**(i) tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur u dik tal-konvenuta ;**

**(ii) tichad it-tieni talba taz-zewg kontendenti, billi ma rrizultatx ;**

**(iii) tordna illi l-kustodja ta' l-ulied minuri ghandha tigi fdata f'idejn il-konvenuta, bl-attur igawdi access b'dawk il-modalitajiet indikati f'din is-sentenza ;**

**(iv) tiddikjara illi l-unici assi li rrizultaw li jipposjedu in komun il-kontendenti bejniethom hija d-dar matrimonjali fl-indirizz : "Sugar Range", Triq ta' Xordin, Nadur, Ghawdex ;**

**(v) peress illi rrizulta li dan il-fond mhux komodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-bejgh tieghu in licitazzjoni, bl-ammissjoni ta' oblaturi estranji, u dana sabiex ir-rikavat imbaghad jigi maqsum ugwalment bejn il-kontendenti . Peress illi ma jidhirx li l-attur ghandu xi fond iehor disponibbli ghalieh fejn jghix apparti d-dar matrimonjali, huwa qed jigi awtorizzat jibqa' jabita f'din id-dar sakemm isir il-bejgh relattiv, b'dana pero' li bl-ebda mod ma jaghmel xi ostakolu f'dak kollu li jkun mehtieg sabiex isir dan il-bejgh .**

**L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssoportati ndaqs bejn il-kontendenti . Billi l-periti gudizzjarji ma rrizultax illi ghadhom thallsu l-onorarju dovut lilhom ghall-inkarigu taghhom f'din il-**

**kawza, dawn huma awtorizzati jithallsu mir-rikavat tal-bejgh in subbasta li jrid isir tad-dar matrimonjali, u dana qabel mal-kontendenti jizbankaw l-ammonti dovuti lilhom .**

**Minhabba l-modalitajiet stabiliti rigward l-access tal-missier ghall-minuri, tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S23795Pc